**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 49/11VG**

**Wilhelmsen Ships Service Malta Limited**

**Vs**

**DHL International Limited**

**Illum 10 ta' Ottubru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Wilhelmsen Ships Service Malta Limited fil-21 ta' Frar 2011 permezz ta' liema titlob li s-socjetà DHL International Limited tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sitt elef tlett mija u erbgha u tletin Euro (€6,334), rapprezentanti d-danni minnha subiti talli s-socjetà DHL International Limited naqset, minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u/jew nuqqas ta' tharis siewi fl-ezercizzju tal-professjoni taghha, milli tikkonsenja lill-principali taghha (ossia tas-socjetà Wilhelmsen Ships Service Malta Limited) wiehed miz-zewg pakketti li kienu minnha fdati lilha (ossia lis-socjetà DHL International Limited) sabiex tittrasportahom f'Marseilles, Franza, fis-26 ta' Novembru 2009, liema inkarigu hija accettat, tant illi ikkonsenjat wiehed miz-zewg pakketti fdati lilha, bl-imghax legali dekoribbli mill-10 ta' Dicembru 2010, id-data meta hija hallset lill-principali taghha, u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Novembru 2010, kontra s-socjetà DHL International Limited;

Rat ir-Risposta tas-socjetà DHL International Limited permezz ta' liema teccepixxi illi: (i) fl-ewwel lok ma hemmx relazzjoni guridika bejnha u s-socjetà attrici stante li t-trasport tal-pakkett in kwistjoni thallas mis-socjetà estera u mhux mis-socjetà attrici; (ii) minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, skond it-*Terms and Conditions of Carriage* tapplika limitazzjoni tad-danni fl-ammont ta' ghoxrin dollaru ($20) kull kilo u ghalhekk it-talba attrici hija ferm ezagerata; (iii) dejjem bla pregudizzju ghal dawn l-eccezzjonijiet, skond it-*Terms and Conditions of Carriage* s-socjetà attrici hija mitluba sabiex tohrog polza ta' assikurazzjoni sabiex tassigura l-oggetti fit-tragitt u s-socjetà attrici dan ghazlet li ma taghmlux; (iv) hija ma kenitx taf il-valur tal-merkanzija u ghalhekk is-socjetà attrici trid tipprova x'kien il-valur reali tal-merkanzija; (v) hija kkonsenjat zewg oggetti fl-istess pakkett u intbaghtu f'indirizz wiehed u dan kif dirett mill-istess socjetà attrici u ghalhekk il-merkanzija

giet imwassla u konsegwentement ghalhekk it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Semghet ix-xhieda ta' Karl Magro[1] u ta' Edgar Cachia[2] moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2011, ix-xhieda ta' Charles Schiavone moghtija waqt is-seduti tad-9 ta' Gunju 2011[3] u tal-31 ta' Ottubru 2011[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CS1" sa' Dok. "CS3" a fol. 15 sa' 19 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fil-5 ta' Jannar 2012 a fol. 26 sa' 40 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici pprezentata fit-13 ta' Awwissu 2012 a fol. 45 sa' 49 tal-process u rat in-Nota Responsiva tas-socjetà konvenuta pprezentata fl-4 ta' Ottubru 2012 a fol. 51 u 52 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' €6,334 rapprezentanti danni minnha sofferti talli s-socjetà konvenuta, minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u/jew nuqqas ta' tharis siewi fl-ezercizzju tal-professjoni taghha, naqset milli tikkonsenja lill-principali tas-socjetà attrici wiehed miz-zewg pakketti li kienu fdati lilha mill-istess socjetà attrici sabiex tittrasportahom f'Marseilles, Franza, fis-26 ta' Novembru 2009, liema inkarigu gie minnha accettat, tant illi ikkonsenjat wiehed miz-zewg pakketti fdati lilha. Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) fl-ewwel lok ma hemmx relazzjoni guridika bejnha u s-socjetà attrici stante li t-trasport tal-pakkett in kwistjoni thallas mis-socjetà estera u mhux mis-socjetà attrici; (ii) minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, skond it-*Terms and Conditions of Carriage* tapplika limitazzjoni tad-danni fl-ammont ta' ghoxrin dollaru ($20) kull kilo u ghalhekk it-talba attrici hija ferm ezagerata; (iii) dejjem bla pregudizzju ghal dawn l-eccezzjonijiet, skond it-*Terms and Conditions of Carriage* s-socjetà attrici hija mitluba sabiex tohrog polza ta' assikurazzjoni sabiex tassigura l-oggetti fit-tragitt u s-socjetà attrici dan ghazlet li ma taghmlux; (iv) hija ma kenitx taf il-valur tal-merkanzija u ghalhekk is-socjetà attrici trid tipprova x'kien il-valur reali tal-merkanzija; (v) hija kkonsenjat zewg oggetti fl-istess pakkett u intbaghtu f'indirizz wiehed u dan kif dirett mill-istess socjetà attrici u ghalhekk il-merkanzija giet imwassla u konsegwentement ghalhekk it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjetà attrici hija agent ta' vapur. Gara illi darba minnhom dahlu zewg pakketti destinati ghad-ditta Gazocean stabbilita gewwa Marseilles fi Franza u s-socjetà attrici kellha struzzjonijiet specifici biex dawn iz-zewg pakketti, una volta li jinhattu minn fuq il-vapur, jinghataw lis-socjetà konvenuta sabiex din twassalhom ghad-destinazzjoni taghhom appuntu gewwa Marseilles. Hekk kif is-socjetà attrici hadet konsenja ta' dawn iz-zewg pakketti bl-Airway Bills relattivi ghalihom, ghamlet kuntatt mas-socjetà konvenuta biex rapprezentant taghha jigbor

[1] Fol. 10 u 11 tal-process.
[2] Fol. 12 u 13 tal-process.
[3] Fol. 20 u 21 tal-process.
[4] Fol. 24 u 25 tal-process.

il-pakketti mill-ufficini taghha sabiex dawn jinbaghtu u finalment jitwasslu ghand Gazocean gewwa Marseilles. Peress illi z-zewg pakketti kienu destinati ghall-istess ditta u l-istess indirizz, ir-rapprezentant tas-socjetà konvenuta ssugerixxa li z-zewg pakketti jintbghatu b'Airway Bill wahda b'dana ghalhekk li d-destinatarju finali jehel inqas spejjez. Is-socjetà attrici pprocediet kif issuggerit lilha mir-rapprezentant tas-socjetà konvenuta u fil-fatt iz-zewg pakketti destinati ghas-socjetà Gazocean intbaghtu Marseilles taht Airway Bill wahda. Ghas-servizz ta' trasport da parte ta' DHL, hallset direttament is-socjetà estera lil DHL fi Franza. Xi zmien wara li l-pakketti in kwistjoni ntbaghtu, is-socjetà attrici giet infurmata mid-destinatarju finali, ossia d-ditta Gazocean, li miz-zewg pakketti li kellhom jaslu ghandha wasal pakkett wiehed biss u mhux l-iehor ukoll. Da parte tas-socjetà konvenuta u ta' DHL fi Franza saru verifiki dwar il-pakkett li Gazocean kienet qed tikkontendi li ma giex konsenjat lilha izda ma irrizulta xejn u Gazocean kienet ghalhekk kostretta terga' takkwista l-prodott specifiku li kellu jigi konsenjat lilha, ossia *portable UV/IR Test Lamp*. Is-socjetà attrici tikkontendi li wara pressjoni da parte ta' Gazocean u anke sabiex ma tippregudikax ir-realzzjoni lavorattiva li kellha ma' l-imsemmija ditta, hija spiccat biex kellha thallas lil Gazocean il-valur tal-pakkett li ma wasal qatt ghandha, liema valur skond Karl Magro u Edgar Cachia kien qrib is-sebat elef Euro (€7,000).

Mix-xhieda kemm tar-rapprezentanti tas-socjetà attrici kif ukoll tar-rapprezentat tas-socjetà konvenuta jirrizulta bl-iktar mod car u evidenti li r-relazzjoni kontrattwali ghat-trasport tal-pakketti in kwistjoni minn Malta ghal Marseilles ma kienetx bejn is-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta. Is-socjetà attrici inghatat struzzjonijiet specifici biex il-pakketti jintbaghtu Marseilles tramite s-servizzi tas-socjetà konvenuta u ghalhekk gie li hija agixxiet skond l-istruzzjonijiet li nghatat. Edgar Cachia, General Manager tas-socjetà attrici, xehed illi *d-DHL ma konniex inkarigajnihom direttament ahna izda kienu inkarigati mill-owners tal-vapur, ahna konna biss intermedjarji f'din il-kwistjoni kollha. Bazikament kellna nahdmu mad-DHL fuq istruzzjonijiet li inghatjna minghand il-Kaptan tal-valur*[5]. Charles Schiavone, General Manager tas-socjetà konvenuta, ukoll xehed illi *s-socjetà attrici ma kellhiex account mad-DHL Malta però mexxiet kollox fuq account illi l-klijent f'Marsilja kellu mad-DHL fi Franza. Fil-fatt il-hlas sar mill-klijent f'Marsilja u mhux mis-socjetà attrici…*[6].

Il-fatt però li bejn is-socjetà attrici u is-socjetà konvenuta ma hemmx relazzjoni kontrattwali ma jfissirx li l-istess socjetà attrici ma tistax tagixxi fil-konfront tas-socjetà konvenuta ghad-danni nascenti minn responsabilità *extra contrattuale*.

Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe v. Angelo Xuereb noe et noe, Citaz. Nru. 1264/91** deciza fit-3 ta' Lulju 2003[7]: *ir-responsabbilità ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skond il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Torrente jaghti ezempju car biex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilità contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilità extra contrattuale. "Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, è sufficente che io provi di essermi trovato*

[5] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2011, fol. 12 u 13 tal-process.
[6] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Gunju 2011, fol. 29 u 21 tal-process.
[7] Konfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fl-20 ta' Frar 2009.

*nel tram e di essere stato ferito. Se invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti (Torrente & Schlesinger "Manuale Di Diritto Privato", para. 394 pg 639). Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg sitwazzjonijiet hija proprio l-ezistenza o meno tar-rabta obbligatorja antecedenti ghall-att jew ommissjoni li ta lok ghad-dannu li l-attur jallega li gie lilu kkawzat. Fil-kaz tal-viaggio in tram evidentement hemm kuntratt ta' gar u quindi hemm obbligazzjoni antecedenti ghall-att jew ommissjoni li tat lok ghall-incident, filwaqt li fil-kaz ta' l-incident l-iehor – dak li jaghti lok ghar-responsabbilità extra contrattuale – ma hemmx din ir-rabta obbligatorja antecedenti ghall-istess incident. In effetti Torrente jispjega illi fl-ambitu tar-responsabbilità "extra contrattuale … un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno." Fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili wara l-kawza fl-ismijiet "Vassallo v. Mizzi et" deciza fid-9 ta' April 1949 (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti ikkunsidrat illi "il-htija meta tigi kkunsidrata fl-entità taghha hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi-delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilità fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilità testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad.*

Minn ezami akkurat tal-kawzali dedotta fir-Rikors promotur fuq liema s-socjetà attrici ssejjes it-talba taghha fil-konfront tas-socjetà konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' €6,334 appuntu rapprezentanti d-danni skontha minnha subiti minhabba traskuragni, imperizja, negligenza jew nuqqas ta' tharis siewi fl-ezercizzju tal-professjoni da parte tas-socjetà konvenuta, jirrizulta evidenti li is-socjetà attrici qed tagixxi fil-konfront tas-socjetà konvenuta ghad-danni *extra contrattuali* u mhux ghad-danni *contrattuali*.

Ladarba din hija l-bazi ta' l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta, l-istess socjetà konvenuta – hekk kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Grech et v. Giovanni Iasi et noe, Citaz. Nru. 468/96** deciza fl-14 ta' Mejju 2001 – ma tistax *a priori* twaqqaf l-azzjoni attrici bis-sahha ta' l-eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejnha u s-socjetà attrici. Fl-imsemmija sentenza l-Prim' Awla tal-Qorti Civili appuntu osservat illi *t-talbiet ta' l-atturi, izda, ma humiex mibnija fuq obbligazzjonijiet kuntrattwali jew fiducarji; huma mibnija fuq allegazzjoni li il-konvenut qarraq bihom, u ghalhekk issa hu marbut lejhom b'obbligazzjoni ex delicto. Naturalment, lill-atturi jehtigilhom juru li tassew li l-konvenut qarraq bihom – dan huwa l-meritu tal-kawza – izda l-konvenut ma jistax a priori, bis-sahha ta' eccezzjoni preliminari, ghax ighid li ma hemmx "rapport guridiku" bejnu u l-atturi meta l-azzjoni hija mibnija fuq allegazzjoni ta' obbligazzjonijiet ex delicto.*

Ghalkemm fil-kaz in ezami l-pretensjoni tas-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta hija dik ta' traskuragni, imperizja, negligenza jew nuqqas ta' tharis siewi fl-ezercizzju tal-professjoni taghha, ma hemmx dubju li dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-imsemmija sentenza **Grech v. Iasi** fir-rigward tas-siwi ta'

eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika sollevata mill-parti imharrka ghal talba ghad-danni *extra contrattuali* fil-konfront taghha, japplika fil-kaz in ezami wkoll.

Fid-dawl ta' dan appena osservat ghalhekk jirrizulta li l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta fis-sens illi *ma hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjetà rikorrenti u l-intimat stante li dan il-pakkett thallas ghat-trasport mis-socjetà estera u mhux mis-socjetà Maltija*, ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Fil-fehma tal-Qorti ladarba l-kaz in ezami huwa kaz ibbazat fuq responsabilità *extra contrattuale* u mhux fuq responsabilità *contrattuale* tas-socjetà konvenuta verso is-socjetà attrici, necessarjament isegwi li dak stipulat fit-*Terms and Conditions of Carriage* tas-socjetà konvenuta – fuq liema hija issejjes it-tieni u tielet eccezzjonijiet fil-konfront tat-talba attrici – bl-ebda mod ma japplika ghal u/jew jorbot lis-socjetà attrici u l-pretensjoni taghha fil-konfront tas-socjetà konvenuta. B'hekk it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta fir-rigward tat-talba attrici wkoll jirrizultaw ghal kollox ingustifikati u konsegwentement ma jisthoqqx li jigu milqugha.

In kwantu rigwarda l-meritu jigi osservat illi huwa principju guridiku assodat illi *r-responsabilità ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi – (i) dik maghrufa bhala responsabbilità contrattuale u (ii) dik maghrufa bhala responsabbilità extra contrattuale jew aquiliana. Dawn iz-zewg tipi ta' responsabbilità ghad-danni ghandhom numru ta' differenzi bejniethom, fosthom – (i) l-oneru tal-prova; (ii) l-effetti guridici; u (iii) it-terminu entro liema l-azzjoni ghad-danni, nascenti mit-tip ta' responsabbilità specifika, ghandha tigi istitwita. Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilità contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.* ***Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilità extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert***[8].

Fil-kaz in ezami s-socjetà attrici essenzjalment tikkontendi li hija sofriet danni ammontanti ghal €6,334 – ossia l-valur tal-pakkett li ma giex konsenjat lid-ditta Gazocean – ghaliex is-socjetà konvenuta, minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u/jew nuqqas ta' tharis siewi fl-ezercizzju tal-professjoni taghha, naqset milli tikkonsenja wiehed miz-zewg pakketti li kellha twassal ghand is-socjetà Gazocean gewwa Marseilles. Ghalkemm is-socjetà konvenuta mhux tikkontesta li kienu tnejn il-pakketti destinati lid-ditta Gazocean tramite is-servizzi taghha, hija targumenta li skond ir-*records* taghha z-zewg pakketti li kienu hekk destinati ghas-socjetà Gazocean twasslu minnha ghand l-imsemmija socjetà. Madanakollu però

[8] Enfasi ta' din il-Qorti. Dr. Louis Cassar PUllicino noe v. Angelo Xuereb noe et noe, Citaz. Nru. 1264/91 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2003 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fl-20 ta' Frar 2009.

mill-provi prodotti mis-socjetà attrici jirrizulta li bhala fatt wiehed miz-zewg pakketti in kwistjoni ma wasalx.

Mill-iskambju ta' e-mails bejn rapprezentanti tas-socjetà Gazocean u rapprezentanti tas-socjetà attrici, esebiti mill-imsemmija socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fil-5 ta' Jannar 2012 a fol. 26 sa' 40 tal-process, jirrizulta b'mod car li Gazocean ma ircevietx wiehed miz-zewg pakketti li hija suppost irceviet u li s-socjetà attrici kienet baghtitilha tramite s-servizzi tas-socjetà konvenuta. Fil-kaz in ezami l-argument ta' Charles Schiavone, rapprezentant tas-socjetà konvenuta, li peress illi mill-Airway Bill uniku li intuza ghaz-zewg pakketti jirrizulta li l-konsenja saret ghand is-socjetà Gazocean Limited allura jsegwi li z-zewg pakketti per forza waslu ghand is-socjetà imsemmija, ma jregix. In effetti mill-provi prodotti u mix-xhieda moghtija jirrizulta li peress illi z-zewg pakketti kienu intizi ghall-istess socjetà fl-istess indirizz dawn inbaghtu bhala konsenja unika b'Airway Bill wahda u mhux b'zewg Airway Bills separati, wahda ghal kull pakkett. Ma huwiex kontestat li parti mill-konsenja, ossia wiehed miz-zewg pakketti desintati ghad-ditta Gazocean, waslet ghandha w allura mill-Airway Bill unika li intuzat bil-fors jirrizulta li konsenja saret izda minhabba kif graw l-affarijiet jew ahjar minhabba l-mod kif giet ippreparata l-konsenja, ossia zewg pakketti f'konsenja wahda, mhux bil-fors jirrizulta – kif invece qed jippretendi Charles Schiavone – li l-konsenja kollha, ossia z-zewg pakketti in kwistjoni, effettivament saret lis-socjetà destinatarja.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk jirrizulta li l-hames eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta fis-sens illi *l-esponenti kkonsenja zewg oggetti fl-istess pakkett u intbaghtu f'indirizz wiehed u dan kif qallu l-istess rikorrenti u ghalhekk il-merkanzija giet imwassla b'hekk huwa infondat fil-fatt u fid-dritt it-talba tar-rikorrenti*, ma hijiex gustifikata u konsegwentement ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghalkemm il-Qorti hija sodisfatta mill-fatt li s-socjetà Gazocean ma rcevietx wiehed miz-zewg pakketti li kienu destinati ghaliha, ma hijiex però affattu sodisfatta mill-fatt li b'konsegwenza ta' hekk is-socjetà attrici sofriet danni ammontanti ghal €6,334. Ghalkemm Karl Magro u Edgar Cachia entrambe iddikjaraw li fl-ahhar mill-ahhar is-socjetà attrici kellha thallas lis-socjetà Gazocean l-valur ta' l-oggett li ma giex konsenjat, liema valur kien qrib is-sebat elef Euro (€7,000), rinfaccjata bil-kontestazzjoni da parte tas-socjetà konvenuta mhux biss tal-*quantum* izda tal-valur tal-hlas fih innifsu[9], is-socjetà attrici ma ressqitx prova li sodisfacentement tistabilixxi li hija effettivament hallset lis-socjetà Gazocean is-somma ta' €6,334.

Mill-iskmabju ta' e-mails esebit mis-socjetà attrici permezz tan-Nota ipprezentata fil-5 ta' Jannar 2012 kull ma jirrizulta huma diskussjonijiet jew ahjar trattativi bejn rapprezentanti ta' Gazocean u rapprezentanti tas-socjetà attrici dwar kif setghet tissolva l-kwistjoni ta' bejniethom, liema diskussjonijiet/trattativi kienu jinvolvu wkoll il-possibilità tal-hlas tal-valur ta' l-oggett li ma giex konsenjat. Ghalkemm fl-email ta' Jean-Emmanuel Crepin lil Edgar Cachia datata 9 ta' Gunju 2010[10] jinghad mill-istess Crepin *you certainly remember that in December 2009, a parcel from Malta were lost, and what it was of for bad information typed on the DHL awb. The parcel contained a very expensive UV/IR test lamp, property of vessel Provalys. We had to purchase a new one.* ***As proposed in your 21/01/2010 email, we***

[9] Verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2011, fol. 14 tal-process.
[10] Fol. 35 u 36 tal-process.

***accept your offer to pay the cost of the lost item. Please find attached the supplier invoice and inform us if you wish a Gazocean invoice or if this document is sufficient***[11], fir-risposta tieghu datata 28 ta' Gunju 2010[12], Edgar Cachia iddikjara *inter alia I will not hesitate to pay for the lost parcel even though everyone knows that it is not our fault but due to the existing relations we have between our companies we would not like to tarnish this relation.* ***Suggest we allow some more time to DHL to come up with their comments after which we shall decide how to proceed***[13]. Nonostante tali Risposta sas-7 ta' Ottubru 2010 il-kwistjoni bejn is-socjetà attrici u Gazocean kienet ghadha ma ssolvietx hekk kif jirrizulta minn e-mail ta' Pierre Baelden lil diversi nies, fosthom Edgar Cachia u Karl Magro[14]: *we are now in October without having any news from your side about the lost parcel issue. We don't care about the DHL responsibility as the parcel has been given by Gaselys to your agency in Malta. We just need to recover the parcel or the value of the loosen part. ... The fire sensor simulator lost is a high value part and we have to re-order a new one. I strongly request from your side a positive answer.*

Ghalkemm fir-Rikors promotur is-socjetà attrici tippremetti li hija effettwat il-hlas tas-somma ta' €6,334 lil Gazocean fl-10 ta' Dicembru 2010, mill-provi prodotti tali hlas ma jirrizultax. Dak li jirrizulta, jigi ribadit, huma biss diskussjonijiet/trattativi bejn is-socjetà attrici u s-socjetà Gazocean biex jippruvaw jirrisolvu l-kwistjoni ta' bejniethom. Ghalkemm is-soluzzjoni proposta kienet tikkontempla l-hlas tas-somma ta' €6,334 rapprezentanti l-valur ta' l-oggett li ma giex konsenjat, il-hlas effettiv ta' tali somma mis-socjetà attrici lis-socjetà Gazocean ma jirrizultax.

B'hekk ghad illi fl-atti hemm il-prova tal-valur ta' l-oggett li ma gietx konsenjat, b'dana ghalhekk li giet indirizzata r-raba' eccezzjoni sollevata mis-socjetà kovenuta, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba attrici ghar-raguni li l-istess imsemmija socjetà ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti n-ness bejn l-agir tas-socjetà konvenuta u d-dannu minnha allegatament soffert ghaliex, jigi ribadit, minn imkien ma jirrizulta li hija effettivament inkorriet il-hlas ta' €6,334 lis-socjetà Gazocean kif minnha allegat.

Ghal dawn ir-ragunijiet partikolari l-Qorti ghad illi tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta fir-Risposta taghha pprezentata fil-15 ta' Marzu 2011, tichad it-talba attrici in kwantu s-socjetà attrici ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti li hija effettivament inkorriet danni minhabba l-agir jew ahjar ommissjoni tas-socjetà konvenuta u wisq inqas li inkorriet danni ammontanti ghal €6,334.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu a karigu tas-socjetà attrici.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

---

[11] Enfasi tal-Qorti.
[12] Fol. 38 u 39 tal-process.
[13] Enfasi tal-Qorti.
[14] Fol. 40 tal-process.